# Kelmtejn

Mill-Caritas Malta Epilepsy Association - VO/1396



5, Lion Street, Floriana VLT16 – T: +356 23402845, +356 25906600
F: +356 21320281-Email: maltaepilepsy@gmail.com


Find us on: facebook

**Membri Tal-Kumitat**

Frank Portelli – *President*
Noel Portelli - *Segretarju*
Caroline Attard – *Teżoriera*
Matthew Attard – *P.R.*
Adriana Soler – *Facebook u Żagħżagħ*
Manuel Camilleri – *Membru*
Robin Pinkston – *Membru*
Prof. Janet Mifsud - *Konsulenta*

Żomm dawn id-dati....
Il-Laqgħat għall-Membri, din is-sena, huma dawn

13 t'April (AGM)
11 ta' Mejju
13 ta' Lulju
14 ta' Settembru
9 ta' Novembru

fis-6 ta' fl-għaxija ġewwa Caritas Floriana.

**Kull ma jingħad waqt il-laqgħat jinżamm kunfidenzjali.**

## Talba

*b'dedikazzjoni għal persuni bl-epilessija u n-nies ta' madwarhom*



Mulej,
Xi kultant inħossni għajjien, bid-dubji, mifxul.
Xi kultant ma jkollix saħħa u kuraġġ li nkompli għaddej.
Xi kultant kollox jinħass wisq iktar milli niflaħ, ikkumplikat u diffiċli biex dan kollu nġarrbu waħdi.
Inħoss li għandi naħrab minn kollox.
Għaldaqstant lejk indur Mulej, għax Int biss tista' tgħinni; fik biss insib ir-refuġju u s-serħan tiegħi.
Nitolbok iddawwalni bl-Ispirtu Qaddis tiegħek, tagħtini l-qawwa u l-istamina; tgħinni naħseb b'mod ċar. Nitolbok timlieni bil-kuraġġ bħalma mlejt lil Ibnek għażiż fil-mumenti l-aktar iebsin. Nafda fiK u f'dak li għandek ippjanat għalija.
Il-Ħniena Divina tiegħek tagħmilni rebbieħ fuq dawn il-weġgħat fiżiċi u mentali li qajla għandi kontroll fuqhom.
Mulej, nitolbok dan kollu f'isemek glorjuż. Ammen.

*Addattata mis-sit elettroniku: prayerforanxiety.com*




# IMPORTANTI

## Laqgħa Annwali Ġenerali

**Data : 13 t'April 2018**
**Ħin : 6 ta' fil-għaxija**
**Post : Caritas Malta**
**5 Triq l-Iljun**
**Furjana**

AGENDA

- Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-15 ta' Mejju 2017.
- Qari u approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – mis-Segretarju.
- Qari u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjajru – mit-Teżoriera.
- Riżenja tal-Membri tal-Kumitat.
- Elezzjoni għal-Membri tal-Kumitat.
- Indirizz mill-President.

Caritas MALTA

**Kelmtejn**
Mill-Caritas Malta Epilepsy Association - VO/1396

Caritas Malta Epilepsy Association

5, Lion Street, Floriana VLT16 – T: +356 23402845, +356 25906600
F: +356 21320281-Email: maltaepilepsy@gmail.com

Find us on: facebook.



## Diskors tal-President waqt il-Konferenza Nazzjonali Għal-Epilessija

Maħrug mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.

**"Irridu nassiguraw li persuni bl-epilessija jiġu inklużi fis-soċjetà tagħna, billi jingħataw id-dinjità u l-importanza kollha meħtieġa"**

Il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca għamlet diskors waqt il-ftuħ tal-konferenza nazzjonali dwar l-epilessija organizzata mill-Caritas Malta Epilepsy Association, intitolata 'Epilepsy: Finding Help'.

Waqt din il-konferenza, il-President Coleiro Preca appellat lill-awtoritajiet, lill-attivisti fis-soċjetà ċivili, lill-professjonisti li jaħdmu f'dan is-settur, lill-pubbliku, kif ukoll lill-media Maltija, biex juru l-importanza ta' għarfien akbar dwar l-epilessija. Hija qalet dan fid-dawl tal-fatt li għad hemm ħafna stigma fuq dan is-suġġett.

"Nafu wkoll li ħafna mill-persuni li jintlaqtu mill-epilessija ma jkunux jixtiequ juru li għandhom din il-kundizzjoni. Nemmen li dan għadu jiġri għaliex għad ma hawnx għarfien biżżejjed dwar din ilkundizzjoni", tenniet il-President. Dan filwaqt li inkoraġġiet lill-Caritas Malta Epilepsy Association biex tkompli taħdem, "ħalli nixprunaw role models li jgħinu biex inkissru l-istigma fuq l-epilessija."

Il-President ħeġġet lill-parteċipanti tal-konferenza biex ikomplu jaħdmu u jmexxu l-kelma, "ħalli jkollna kampanja ta' għarfien u edukazzjoni b'risq dawn il-persuni milquta."
Il-President appellat ukoll lill-awtoritajiet governattivi biex jassiguraw li dawn ħutna f'pajjiżna jkollhom mhux biss aċċess għall-kura kif diġà għandhom, iżda wkoll opportunitajiet edukattivi xierqa, u mpjieg dinjituż.

"Huwa essenzjali li tfal li għandhom l-epilessija jkunu integrati tajjeb f'ambjent ta' tagħlim fl-iskejjel, u li l-edukaturi u min iħaddem ikunu konxji tar-realtajiet tal-epilessija", stqarret il-President, filwaqt li ħeġġet lill-edukaturi u lil min iħaddem biex ikunu kuraġġużi u qalbhom miftuħa sabiex jagħmlu ddifferenza importanti fil-ħajja ta' dawn it-tfal.

"Jiena kunfidenti li, grazzi għal din il-konferenza u l-għan tagħha biex tqajjem kuxjenza dwar ilbżonn li tinstab għajnuna għal persuni bl-epilessija, se jkun hawn aktar għarfien u aktar aċċessibbilità għas-support meħtieġ b'risq il-persuni milquta minn din il-kundizzjoni u b'risq is-soċjetà Maltija kollha", ikkonkludiet il-President Coleiro Preca.





Kelmtejn
Mill-Caritas Malta Epilepsy Association - VO/1396

5, Lion Street, Floriana VLT16 – T: +356 23402845, +356 25906600
F: +356 21320281-Email: maltaepilepsy@gmail.com

Find us on: facebook.



**KONFERENZA NAZZJONALI GĦAL-EPILESSIJA-10ta' Marzu, 2018**
**Mr Frank Portelli, President CMEA**

**Silta' mid-diskors tal-President tal-Caritas Malta Epilepsy Association fil-ftuħ tal-Konferenza Nazzjonali għal-Epilessija.**

Il-President beda billi rringrazzja lil dawk prezenti u lil Eċċelenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta li aċċettat l-istedina biex tiftaħ il-konferenza. Huwa rringrazzja ukoll lid-Direttur tal-Caritas Malta, is-Sur Leonid McKay u l-istaff tiegħu ta' l-għajnuna tagħhom lejn l-Assoċjazzoni tagħna u lil dawk kollha prezenti fosthom lil mistednin distinti, kelliema, parteċipanti kif ukoll dawk il-persuni li għandhom l-epilessija.

Huwa kompla biex jagħti tislima lil koppja Mario u Victoria Dimech, li marru għal ħajja aħjar, għal ħidma tagħhom fl-assoċċjazzjoni. Mario bħala ex President u Victoria bħala ex Segretarja. It-tnejn ħadmu għal Għaqda tagħna u għal persuni bl-epilessija kemm f'Malta kif ukoll barra pajjizna. In-nuqqas tagħhom għadu jinħass.

Fost l-attivitajiet ta' l-assoċċjazzjoni insibu 'l-laqgħat tal-membri darba kull xagħrejn. F'kull l-laqgħa dejjem ikun hemm xi professjonist li jagħmel prezentazzjoni u jwiegeb għal xi domandi li jagħmlulu l-membri. F'dawn il-laqgħat kollox jibqa kunfidenzjali. Bħal issa l-Għaqda hemm ftit inqas minn 400 membru.

Wara li l-assoċċjazzoni tagħna giet aċċettat bħala Għaqda Voluntarja rnexxielna nirbħu zewg progetti. L-ewwel wieħed kien mogħti lilna mis-CRPD, taħt l-isem ta' Pektur. Dan il-progett qiegħed biex inħejju "Toolkit" – Għodda dwar l-epilessija. Dan ħa jkun forma ta' ktejjeb.
Il-progett l-ieħor 'Epipicto' gie approvat mill-EUPA u sar possibli permezz ta' fondi mill Erasmus+. Qedin infasslu ktejjeb mimli stampi 'pictorial guide' li se jkun immirat ghal-persuni li ghandhom livell ta' edukazzjoni baxx. Dan qiegħdin nagħmluh flimkien ma' rappreżentanti mill-Olanda, Skozja, Awstrija u Ġermanja.

Kif qed taraw xogħolna fi ħdan l-għaqda ma jieqaf qatt.





Tista' ssib il-preżentazzjonijiet kollha mill-konferenza fil-*links* li ġejjin:
http://www.caritasmalta.org/cmea-conferences/
http://www.caritasmalta.org/wp-content/uploads/2018/02/Documents-and-Speeches-2018-con-epilepsy.zip

Kelmtejn
Mill-Caritas Malta Epilepsy Association - VO/1396

5, Lion Street, Floriana VLT16 – T: +356 23402845, +356 25906600
F: +356 21320281-Email: maltaepilepsy@gmail.com

# Inspire Mosaic Project

Tfal bejn l-etajiet ta' 5-15 mill-INSPIRE kif ukoll tfal li kellhom jew li m'għandhomx diżabilitajiet, ingħaqdu mal-artista tal-Mużajk Għawdxija Marija Portelli u għamlu żewġ xogħlijiet bil-mużajk minn materjal riċiklat. Dawn ix-xogħlijiet sbieħ kienu esibiti fi Spazju Krejattiv matul l-inizjativa ta' 'Action Planet' mis-16 ta' Frar sat-18 ta' Marzu 2018.

L-istudenti u l-ġenituri li akkumpanjawhom iltaqgħu ma nies b'diżabilita' u esperjenzaw komunita krejattiva li għandha twassal għall-kollaborazzjoni flimkien. Il-gruppi li ppartecipaw kienu, Inspire, Action Planet, Wasteserv, Quality Schools International, ADHD Malta, Caritas Malta Epilepsy Association u Down's Syndrome Association.

Bħalma l-mużajk ikun magħmlu minn kuluri u qisien differenti u biċċiet taċ-ċeramika, meta niltaqgħu jew naqsmu l-ħajja ma nies oħrajn li għandhom sitwazzjonijiet u abbilitajiet differenti, naraw stampa sabiħa toħrog.

Fit-28 ta' Frar żaru l-wirja studenti u voluntiera flimkien ma Ġuzeppi l-pupazz kavallier aħdar. Huma riedu jagħtu parti mill-mużajk lil organizzazzjonijiet li ħadu sehem. Caritas Malta Epilepsy Association, se tirċevi l-biċċa mużajk bil-bajtar tax-xewk meta tispiċċa l-esibizzjoni.

Nirringrazzjaw lil kull min ħa sehem.

**Robin Pinkston**
**Maniġer tal-proġett**







